# L-ISTATWA TA' DE VILHENA



PAWLU ZAMMIT

F'din il-ħarġa, li hija l-aħħar waħda għal din is-sena, minn qalbi nixtieq nawgura s-Sena t-Tajba 2017 lill-qarrejja ta' din il-paġna, u nirringrazzja lil dawk li waqqfuni u esprimew l-interess f'din is-sensiela, li tajjeb li nirrimarka li għalaqt magħkom tliet snin, nurikom u nitkellmu mir-ritratti antiki ta' Malta u Għawdex.

Għal dawn l-erba' ġimgħat li ġejjin se nurikom u nitkellmu dwar persunaġġ, jew aħjar, il-Gran Mastru Manoel de Vilhena, li kieku għadu magħna, probabbli ma tantx kien ikellimna tajjeb għax ċaqlaqnieh erba' darbiet minn postu kif se naraw mir-ritratti li se nipprovdil-kom fil-kontribuzzjoni tiegħi f'din il-paġna.

Dan l-ewwel ritratt qiegħed jurina din l-istatwa tal-bronż ta' dan il-Gran Mastru, li għamilha l-Kavallier Savasse, tidher f'nofs il-misraħ fil-Fortizza Manoel issebbaħ dan il-post.

Biex tkun apprezzata aħjar, il-Gvernatur ta' dak iż-żmien, Le Merchant, fl-1858 poġġa din l-istatwa quddiem il-Bibljoteka, fejn se naraw din id-dehra tal-pjazza fil-ħarġa tal-Ġimgħa li ġejja, l-ewwel kontribuzzjoni tiegħi għas-sena l-ġdida.

Il-kappella li tidher fir-ritratt hija ddedikata lil Sant' Antnin ta' Padova, li fi żmien il-gwerra tas-seklu li għadda kienet ġarrbet ħsarat estensivi.

F'dawn l-aħħar snin sar restawr tajjeb ta' dan il-post u ta' din il-kappella ta' Sant'Antnin ta' Padova fejn nispera li jerġgħu jitpoġġew l-istatwi kif kienu (jew tal-inqas replika tagħhom). Tajjeb li nisħaq li l-istatwi li kien hemm fil-post imsemmi kienu jsebbħu l-faċċata ta' din il-knisja.

Kif jidher fir-ritratti annessi ma' dan l-artiklu, dawn għadhom neqsin sal-lum il-ġurnata.





**Fl-ewwel ritratt naraw l-istatwa tal-bronż tal-Granmastru De Vilhena li kien għamilha l-Kavallier Savasse**